SAN ĠWANN

**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV KAPPARA**

**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**L-EWWEL LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TLETTAX**

**12 ta' Lulju, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv tal-Kappara iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali San Ġwann li jinsab fl-indirizz 55, Triq R. Caruana Dingli, San Ġwann fis-6.05 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-*Chairperson* Dr Frank Bartolo , l-Viċi *Chairperson* Peter Calleja u l-Membri Alfred Mangion, Robert Vella Bonnici u Janet Barthet.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Adrian Mifsud.

**MINUTI**

Ic-*Chairperson* Dr Frank Bartolo ppresjeda.

**13.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

13.1.1 Il-Kumitat ikkunsidra l-Minuti tat-tnax-il laqgħa tal-Kumitat.

13.1.2 Dwar minuta 12.1.6 il-Kumitat kien infurmat li r-rapport ghadu mhux lest.

13.1.3 Fir-rigward ta' minuta 12.1.12, il-Kumitat innota li kien bghat talba ghal laqgha li lanqas biss giet acknowledged u qabel li mhux se jkompli bl-interess tieghu

13.1.4 Dwar minuta 12.1.14 u minuta 12.1.15, il-Membru Robert Vella Bonnici ghamel apologija formali fil-konfront tas-Sur Alfred Mangion u l-Membri kollha tal-Kumitat.

13.1.5 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din l-emenda:

13.1.6 "Il-Kumitat jaqbel li f'minuta 12.3.4 ghandu jidhol dan il-kliem: isir x-xoghol fi Triq Wied Ghollieqa skont il-kuntrattur tal-Kunsill Twish Limited ghall-ammont ta' €300, fejn se tingieb il-kwotazzjoni mehtiega."

13.1.7 Din l-emenda kienet issedkondata mill-Membru Janet Barthet u approvata unanimament.

13.1.8 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

13.1.9 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tat-tnax-il seduta kif emendati.*"

13.1.10 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-*Membru Janet Barthet* u approvata unanimament.

13.1.11 Il-Kumitat kien mitlub jikkunsidra l-minuti tal-laqgha numru 12 ad hoc.

13.1.12 Fir-rigward ta' minuta 1b kien innotat li saret talba ghal investigazzjoni mill-Pulizija.

13.1.13 Il-Membru Robert Vella Bonnici kien skuzat mil-laqgha. (6.35pm)

13.1.14 Fir-rigward ta' minuti 2b saret diskussjoni dwar in-necessita dwar il-htiega ta' rizorsi umani kif ukoll li saret laqgha mal-MRRA biex issir site plan ghal bankini u tizdied parti minn Triq Wied Ghollieqa kif ukoll cint zghir ta' zewg filati.

13.1.15 Il-Membru Alfred Mangion ressaq din il-mozzjoni:

13.1.16 "*Il-Kumitat japprova l-Minuti tat-tnax-il seduta ad hoc kif imressqa.*"

13.1.17 Din il-mozzjoni kienet issekondata mill-*Membru Janet Barthet* u approvata unanimament.

## 13.2 Kommunikazzjoni miċ-*Chairperson*

13.2.1 Ic-Chairperson ghamel referenza ghal diversi bring in sites fil-Kappara u kien hemm qbil li kellhom jigu infurmati l-Green MT sabiex jaghmlu t-tibdil mehtieg.

13.2.2 Ic-Chairperson stieden lil Contracts Manager jinaqghad ghad-diskussjoni fil-laqgha.

13.2.3 Kien hemm qbil unanimu li l-Kumitat jiddiskuti issa item numru 5 tal-agenda.

**13.5 Tindif fil-Kappara**

13.5.1 Il-Kumitat iddiskuta t-tindif li kien inbeda fi Triq Wied Ghollieqa fejn irrizulta li dan sar fuq struzzjonijiet moghtija mill-Vici Chairperson, u li eventwalment dawn gew imwaqqfa mis-Sindku u mhux mill-Contracts Manager u li tali ftehim kien bil-fomm.

13.5.2 Il-Kumitat qabel ma' proposta tac-Chairperson li l-Contracts Manager jigi nfurmat bil-miktub sabiex dan ix-xoghol jigi tterminat immedjatament.

13.5.3 Saret diskussjioni dwar dak li kien sehh fir-rigward ta' xoghlijiet li kellhom isiru fi Triq Wied l-Ghollieqa, fejn wara li gew iccarati diversi sitwazzjonijiet li nqaghlu, kien hemm qbil li kif anke kien evidenti minn risposta li ta d-Direttur (Gvern Lokali) li xoghlijiet kienu ta' natura urgenti u ta' prijorita.

13.5.4 Kien hemm qbil li ghandha titjieb il-kommunikazzjoni bejn il-partijiet kollha nvoluti.

13.5.5 Fi tmiem id-diskussjoni c-Chairperson irringrazzja lil Contracts Manager u talbu jirtira mil-laqgha.

13.5.6 Il-Kumitat qabel li jiddiskuti issa item numru 4 fuq l-agenda.

**13.4 Triq Wied Ghollieqa**

13.4.1 Filwaqt li l-Kumitat kien tratta dan is-suggett fl-item precedenti saret diskussjoni dwar il-htiega ta' manutenzjoni fi Triq Sliema u Triq Birkirkara kif ukoll xoghol iehor ancillari realtat ma' sinjali tat-toroq.

13.4.2 Il-Kumitat qabel li jigi diskuss issa item numru 6 fuq l-agenda.

**13.6 Azzjoni mehuda mill-Perit Bezzina dwar talbiet pendenti ma' Transport Malta**

13.6.1 Il-Kumitat kien infurmat li saret laqgha bejn il-Perit tal-Kunsill u l-Membru Alfred Mangion fejn kienu diskussi t-talbiet pendenti kif ukoll tressqet korrispondenza ohra lil Transport Malta dwar diversi htigijiet fil-Kappara.

13.6.2 Il-Kumitat kien mgharraf li se ssir laqgha ohra li titratta dan is-suggett biss.

13.6.3 Il-Kumitat qabel li jiddiskuti issa item numru 3 fuq l-agenda.

**13.3 Diskussjoni dwar email ricevuti minn resident dwar Chiswick House School**

13.3.1 Saret referenza ghal email mibghuta mill-KVRAG u li kienet iccirkolata mal-agenda, fejn il-Kumitat innota li kien ha l-azzjonijiet mehtiega fir-rigward tac-Chiswick House School.

13.3.2 Kien hemm qbil li jsir tindif ta’ haxix hazin fi traffic island fi Triq Birkirkara ma Triq il-Kuccard u li l-ELC se jippjantaw fjuri, liema xoghol kien se jiehu hsieb jikkordinah l-Vici Chairperson.

13.3.3 Saret diskussjoni dwar diversi bzonnijiet fil-Kappara inkluz information u locality maps u xiri ta’ doggie bins.

13.3.4 Kien hemm qbil li tigi mibghuta korrispondenza lil MITC dwar il-htiega li t-trasport pubbliku jghaddi mill-Kappara u li jsir bus stop fi Triq Sliema.

13.3.5 Iċ-*Chairperson* għalaq il-laqgħa fit-8.00 ta’ filgħaxija.

Konfermati, illum __ Awissu, 2011

| | |
|---|---|
| Dr Frank Bartolo | Adrian Mifsud |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |